MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 14/2014

**Carmel u martu Helen Grech**

**-vs-**

**Automated Revenue Management Services Limited**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-atturi talbu li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata tiddesisti milli tkompli tibghat kontijiet lill-attur rigwardanti l-appartament Awwista Flats, Flat 2, Triq is-Sajjieda, Marsalforn, Ghawdex l-ahhar wiehed datat 5 ta' Lulju 2014 fl-ammont ta' elf disa' mija disgha u erbghin euro u disgha u disghin centezmu (€1949,99) u dana stante li:

a. Servizz ta′ dawl u tal-ilma ma jezistix fl-appartament u ilu ma jkun hemm ghall-perjodu li jirrisali ferm qabel il-perjodu li ghalih dawn il-kontijiet jirreferu.

b. Dawn il-kontijiet huma mmaginarji u fittizji;

c. Dan l-appartament mhuwiex abitat u ma jistax jigi wtilizzat proprju minhabba n-nuqqas ta′ servizzi da parti tas-socjeta′ konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali ta′ Lulju 2014 kollha kontra s-socjeta′ intimata li tibqa′ minn issa mharka ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta′ Automated Revenue Management Services Limited fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament jigi rrilevat illi Arms Limited ma tezistix u ghaldaqstant l-atturi jridu jirregolaw ruhhom dwar dan u fin-nuqqas il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-esponenti jecepixxi n-nuqqas tal-kompetenza *ratione materiae* ta′ din il-Qorti.

3. Illi l-atturi ghandhom jiddikjaraw x′inhu l-interess guridiku taghhom biex jipproponu din l-azzjoni.

4. Illi l-atturi ghandhom jiddikjaraw il-bazi tal-azzjoni taghhom u ai termini ta′ liema artikolu tal-ligi tressqet it-talba taghhom.

5. Illi l-kontijiet mibghuta qatt ma kienu f′isem l-atturi la fil-passat u anqas fil-prezent.

6. Illi l-konvenuti ma jistghux jigu inibiti permanentment milli jibghatu kontijiet tal-post fejn hemm s-servizz moghti minnhom kif qed jitolbu l-atturi fl-avviz taghhom u tali talba hija legalment insostenibbli.

7. Illi l-esponenti lhom ghal tul ta′ zmien jibghatu l-kontijiet fuq l-indirizz alternattiv lilhom indikat u cioe′ dak ta′ 86 Triq Santa Marija, Rabat.

8. Illi fil-fatt l-ahhar pagament li sar kien fl-ammonta ta' 140.73 Liri Maltin u dan fit-22 ta' Marzu 2007 meta l-kont kien mibghut fuq l-indirizz ta' 86, Triq Santa Marija, Rabat.

9. Illi fl-20 ta' Settembru 2014 sar qari specjali fuq il-meters in kwistjoni u cioe' dak bin-numru tal-kont 101000234388 li jissuplixxu l-appartament in kwistjoni, Awwista Flats, Flat 2, Triq is-Sajjieda, Marsalforn.

10. Illi l-haddiem tas-socjeta' intimata kisbu access ghall-istess fond sabiex jiehdu l-qari ta' dawl u ilma, wara li hu cempel lill-attur Carmel Grech biex ikollu access ghal dawn il-meters. Illi wara tali qari rrizulta li l-qari fuq il-meter tal-ilma numru tal-meter N6882 kien ta' 95 filwaqt li l-qari fuq il-meter tal-elettriku numru tal-meter 5393667 kien ta' 7240 hekk kif muri f'Dok A hawn esebit.

11. Illi wara l-qari li sar fl-20 ta' Settembru 2014 il-kont gie rivedut skont l-istess qari u l-ammont dovut sa tali qari hu ta' euro 786,63 hawn immarkat bhala Dok B.

12. Illi ghalhekk it-talbiet atturi ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata billi ntlaqghet it-talba ghall-korrezzjoni ta' isem is-Socjeta' konvenuta;

Rat il-verbal tas-27 ta' Novembru 2014 fejn Dr. Alfred Grech ghan-nom tar-rikorrenti Grech talab li in vista ta' l-eccezzjonijiet jinghata zmien sabiex jaghmel nota u l-Qorti laqghet it-talba u mponiet terminu sal-15 ta' Jannar 2015 sabiex dan isir;

Rat illi nonostante t-trapass tat-terminu mpost in-nota baqghet ma gietx prezentata;

Rat il-verbal tal-24 ta' April, 2015 fejn il-Qorti giet infurmata minn Dr Daniel Calleja ghas-socjeta' konvenuta li transazzjoni bejn il-partijiet ma kinitx sehhet u talab li tigi trattata t-tieni eccezzjoni dwar il-kompetenza o meno *ratione materiae* tal-Qorti sabiex tisma' l-kawza odjerna;

Rat illi fl-istess seduta r-rikorrenti Grech u d-difensur taghhom Dr. Alfred Grech ghalkemm imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux;

Semghet lid-difensur tas-socjeta' konvenuta jitratta t-tieni eccezzjoni;

Rat illi fl-istess verbal imponiet terminu ta' ghaxart ijiem fuq ir-rikorrenti Grech sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar it-tieni eccezzjoni;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' April, 2015 il-kawza ntbaghtet ghad-decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti fil-qosor f'dan il-kaz huma li l-atturi qed jitolbu li s-Socjeta' konvenuta ma tibqax tibghat kontijiet lill-atturi konjugi Grech fl-indirizz Awwista Flats, Flat 2, Triq is-Sajjieda, Marsalforn u dan ghaliex skont l-istess atturi ma hemm l-ebda servizz ta' dawl u ilma fl-istess appartament, il-kontijiet huma mmaginarji u fittizji u l-appartament mhux abitat appuntu ghaliex is-Socjeta' konvenuta qatghet is-servizzi in kwistjoni.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta ssostni li kien l-istess attur li fetah il-bieb ghall-appartament in kwistjoni meta ttiehed il-qari tas-servizzi in kwistjoni tant li l-kont gie rrangat ghall-qari attwali u jirrizulta li skont il-kont esebit a fol. 11 tal-process hemm is-somma ta' seba' mija u sitta u tmenin Euro u tlieta u sittin centezmu (€786.63) dovuta lis-Socjeta' konvenuta. Jigi rilevat illi l-kont ma jsejjahx lill-atturi izda lil certu Louis Farrugia.

Illi t-tieni eccezzjoni mqajjma mis-Socjeta' konvenuta taqra kif isegwi:

'Illi l-esponenti jecepixxi n-nuqqas tal-kompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti.'

u dan skont l-istess Socjeta' abbazi tal-Att dwar l-Arbitragg, Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta specifikatament ir-raba' skeda, taqsima A artikolu 1.3 li jaqra kif isegwi:

‘1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma

Kull tilwima li jkollha x’taqsam mal-provvista tal-energija elettrika, kera ta’ *meter* tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, bla hsara, fejn dan japplika, ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u ghad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta’ Ilma:

Izda l-konsumaturi jkollhom jedd jipprezentaw it-talbiet taghhom kontra l-Korporazzjoni Enemalta jew il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, kif ikun il-kaz, skont il-procedura stabbilita b’dan l-Att:

Izda wkoll, minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra u minghajr pregudizzju ghal kull kawza pendenti, it-Tribunal tal-Arbitragg ikollu gurisdizzjoni esklussiva li jitratta dawn il-kazijiet.’

F’dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali fl-ismijiet **H. Vassallo Ltd. & Sons Ltd. vs. Avukati Generali** deciza nhar it-30 ta’ Settembru 2011 fejn dik l-Onorabbli Qorti kienet ikkonfermat id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li appuntu ddikjarat li l-artikolu 1.3 tar-raba’ skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala lesiv ghad-dritt ta’ smiegh xieraq tal-partijiet fosthom minhabba n–nuqqas ta’ volontarjeta’ da parti tal-partijiet li jirrikorru ghall-arbitragg, in-nuqqas ta’ mparzjalita’ tal-arbtiri kif ukoll il-limitazzjoni ghad-dritt tal-appell.

In oltre fil-kawza **Fogg Insurance Agencies Ltd noe et vs. Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali, Gzira** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar is-16 ta’ Ottubru, 2012 f’decizjoni rigward l-applikazzjoni tal-artikolu 1.2 tal-istess skeda saret ukoll referenza ghall-artikolu 1.3 u d-decizjoni hawn fuq ikkwotata kif isegwi:

‘Illi dan ma huwiex il-kaz odjern u dan qed jinghad fid-dawl tad-decizjoni fl-ismijiet “H. Vassallo Ltd & Sons Ltd. vs Avukat Generali et” (Q.K. – 30 ta’ Settembru 2011) li pero’ kienet titratta tilwima taht l-artikolu 1.3 tar-Raba’ Skeda tal-Kap. 387. Dan l-insenjament allura ma

jmissx l-artikolu 1.2 (a) u (b) u (c) tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387. Min-naha l-ohra d-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Muscat vs l-Prim Ministru et" (Q.K. – 6 ta' Settembru 2010) kellha ezitu differenti u rrevokat id-decizjoni tal- Ewwel Qorti. Mela allura f'dan il-kuntest u f'din il-kompetenza din il-Qorti tieqaf hawn. **Jinghad f'dan il-kuntest li dan l-aggravju qed jigi michud izda mhux ghar-ragunijiet migjuba mill-appellat, izda ghaliex ma kien hemm ebda decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jew Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali, liema decizjoni ghaddiet in gudikat li ddikjarat l-artikoli appositi bhala lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Kieku kien hemm mela allura la din il-Qorti u lanqas ebda Qorti ohra ma tista' legalment taghti effett lill-istess artikoli tal-ligi hekk dikjarati li kissru d-drittijiet fundamentali, u dan ghaliex skont l- artikolu 6 tal-Kostituzzjoni kull ligi jew provediment legali li jinstab mill-Qorti kompetenti li huwa lesiv ta' tali drittijiet fundamentali tal-bniedem u li allura jikser tali drittijiet huwa skont l-istess Kostituzzjoni, li hija l-ghola Ligi tal-pajjiz, huwa kkonsidrat bhala null u nvalidu u allura ma jistax jigi applikat.'** *(emfasi tal-Qorti)*

Minn dak kollu suespost in vista tad-decizjoni fl-ismijiet **H. Vassallo Ltd. & Sons Ltd. vs. Avukati Generali** hawn fuq imsemmija, b'applikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta din il-Qorti ma tistax taghti effett lill-artikolu 1.3 tal-iskeda 4 tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta u li fuqu tistrieh it-tieni eccezzjoni tas-Socjeta' konvenuta la darba dan gie dikjarat li jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Decizjoni.

Fic-cirkostanzi suesposti din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tichad it-tieni eccezzjoni mqajjma mis-Socjeta' konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta' intimata.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------